**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 29 ta' Frar 2024**

**Kumpilazzjoni numru 46/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Jason Zammit**
**Bradley Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Jason Zammit ta' 47 sena, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 10174(G) u
Bradley Zammit ta' 19-il sena, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija 17402(H) fejn ġew akkużati **talli nhar il-21 ta' Diċembru 2018 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel fi Rabat, Għawdex u/jew fi dawn il-Gżejjer:**

1. Approprijaw irwieħhom, billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnati lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' s-somma ta' €1000, liema flus ġew afdati jew ikkunsinnati lilhom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju u li kienu jappartjenu lil Christopher Grioli u/jew persuni oħra u dan sar bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara għal ħaddieħor għamlu qligħ ta' aktar minn €500 iżda anqas minn €5000 b'qerq għad-dannu ta' Christopher Grioli u/jew persuni oħra, u dan bi ksur ta' artikoli 309 u 310 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U nakkuża lil Jason Zammit waħdu talli:-

3. U aktar talli kiser ordni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mogħtija minn Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) nhar id-9 ta' Novembru 2017 u dan bi ksur tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

4. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definitivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet il-provi prodotti.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, irriżulta li oriġinarjament l-allegata vittma ġiet indikata bl-isem ta' Christian Grioli. Waqt ix-xhieda mogħtija mill-iSpettur Bernard Charles Spiteri fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2022, huwa spjega li l-allegata vittma kien ċertu Christopher Grioli bil-karta tal-identita' numru 424018L. Fl-istqarrija li ġiet rilaxxata minn Jason Zammit u esebita bħala Dok BS 2 a fol 44 tal-proċess, id-domandi li saru lil Jason Zammit mill-uffiċjali investigattivi kienu jirreferu għal ċertu Christian Grioli. L-istess sar waqt l-istqarrija rilaxxata minn Bradley Zammit u esebita bħala Dok BS 4 a fol 47 et seq tal-proċess. F'din l-istqarrija, ukoll issir referenza għal ċertu Christian Grioli.

Sussegwentement, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll korrispondenza skambjata mal-allegata vittma li mill-indirizz elettroniku huwa indikat bl-isem ta' Christopher Grioli (vide f'dan ir-rigward Dok BS 5 a fol 49 et seq, Dok BS 6 a fol 52 et seq, Dok BS7 a fol 60 et seq, Dok GS1 a fol 97 et seq). Imbagħad fil-Current Incident Report esebit bħala Dok BS8 a fol 64 et seq u bħala Dok CB1 a fol 92 et seq, l-allegata vittma hija rraportata taħt l-isem ta' Christopher Grioli detentur tal-karta tal-identita' numru 0424018L. Fix-xhieda mogħtija minn PS 1301 Christian

Bonello, saret referenza għal Christopher Grioli detentur tal-karta tal-identita' numru 424018L.

In vista ta' din il-konfużjoni fl-isem tal-allegata vittma, il-Prosekuzzjoni ressqet rappreżentant minn Identita' li kkonfermat li d-detentur tal-karta tal-identita' numru 424018L huwa Christopher Grioli. Kien għalhekk li reġgħu nħarġu akkużi ġodda li reġgħu ġew moqrija biex jirriflettu l-isem ta' Christopher Grioli bħala l-isem tal-allegata vittma.

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ wara li ġiet kjarifikata din il-kwistjoni dwar l-identita' tal-vittma, baqgħet qatt ma ressqet bħala xhud lill-istess allegata vittma. Il-Qorti hija għalhekk sajma mill-aħjar prova li setgħet tressaq il-Prosekuzzjoni. Inoltre, lanqas ma tista' tistrieħ fuq l-istqarrijiet ippreżentati u rilaxxati mill-imputati u dana peress li f'dawn l-istqarrijiet, l-allegata vittma hija indikata bl-isem ta' Christian Grioli.

Meta l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Stante li dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati, l-imputat Jason Zammit lanqas ma jista' jinstab ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil imputati Jason Zammit u Bradley Zammit minn kull kundanna u ħtija.**

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur